C/2023/399

23.11.2023

P9_TA(2023)0075

Ir-repressjoni ulterjuri fil-konfront tal-poplu Belarussu, b'mod partikolari l-każijiet ta' Andrzej Poczobut u Ales Bialiatski

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 2023 dwar ir-repressjoni ulterjuri fil-konfront tal-poplu Belarussu, b'mod partikolari l-każijiet ta' Andrzej Poczobut u Ales Bialiatski (2023/2573(RSP))

(C/2023/399)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Belarussja,

— wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra u l-konvenzionijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem l-oħrajn kollha li l-Belarussja hija parti għalihom,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21-22 ta' Ottubru 2021,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċipresident tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà Josep Borrell tal-25 ta' Marzu 2021 dwar l-attakki mmirati lejn l-Unjoni tal-Pollakki fil-Belarussja, tas-17 ta' Jannar 2023 dwar il-proċessi kontra l-mexxejja tal-oppożizzjoni u l-ġurnalisti, u tat-3 ta' Marzu 2023 dwar is-sentenzjar ta' Ales Bialiatski u ta' difensuri oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll id-dikjarazzjoni mill-Kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna tas-7 ta' Ottubru 2022 dwar is-sentenza tal-qorti kontra r-rappreżentanti tal-media indipendenti;

— wara li kkunsidra r-rapport tal-4 ta' Marzu 2022 tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja fil-kuntest tat-tħejjija għall-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u warajha u d-dikjarazzjoni tas-6 ta' Jannar 2023 mill-Kelliem għall-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-proċessi fil-Belarussja,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-4 ta' Mejju 2022 u tal-20 ta' Lulju 2022 ta' Anaïs Marin, ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja, għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, is-sejħa tal-10 ta' Ottubru 2022 mill-esperti tan-NU għall-ħelsien immedjat mill-ħabs tar-rebbieħ tal-Premju Nobel u ta' difensuri oħrajn tad-drittijiet fil-Belarussja, u l-kummenti tat-3 ta' Marzu 2023 ta' Ravina Shamdasani, il-kelliem tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-sentenzjar tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belrussja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-G7 tal-4 ta' Novembru 2022 dwar il-Belarussja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa tat-3 ta' Marzu 2023 dwar il-kundanna ta' Bialiatski, ir-rebbieħ tal-Premju Nobel, u ta' difensuri oħra tad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet mir-Rappreżentanta dwar il-Libertà tal-Media tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), Teresa Ribeiro, tat-13 ta' Lulju 2022 dwar il-priġunerija persistenti tal-ġurnalisti u tal-ħaddiema tal-media fil-Belarussja, tal-15 ta' Settembru 2022 dwar it-tfigħ fil-ħabs kontinwu tal-ġurnalisti fil-Belarussja u tas-7 ta' Ottubru 2022 dwar il-persekuzzjoni kontinwa tal-professjonisti tal-media fil-Belarussja,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi minn mindu bdew il-protesti paċifiċi wara l-elezzjoni presidenzjali mbagħbsa ferm tad-9 ta' Awwissu 2020, ir-reġim ta' Lukashenko qed ikompli bl-atti ta' repressjoni tiegħu kontra l-poplu Belarussu, fejn ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, l-attivisti tal-oppożizzjoni u ħafna oħrajn qed jiġu ffastidjati, ippersegwitati, arrestati, ittorturati u kkundannati talli esprimew oppożizzjoni għar-reġim, għall-ksur sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem u għall-appoġġ tar-reġim għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna; billi l-prosekuzzjoni kriminali għadha waħda mill-aktar forom severi ta' repressjoni, u għadha mifruxa;

B. billi, sa Marzu 2023, kien hemm aktar minn 1 450 persuna fuq il-lista li ċ-Ċentru għad-Drittijiet tal-Bniedem Viasna iżomm ta' priġunieri politiċi Belarussi, inkluż ir-rebbieħ tal-Premju Sakharov u tal-Premju Nobel għall-Paċi Ales Bialiatski; billi Viasna hija konxja ta' mill-inqas 2 900 persuna li nstabu ħatja f'każijiet kriminali b'motivazzjoni politika; billi, fl-2022, ir-reġim ta' Lukashenko ħareġ mill-inqas 1 200 kundanna politika fuq akkużi kriminali u għalaq 215-il entità tal-media stampata, filwaqt li mill-2020 ġew illikwidati aktar minn 1 000 NGO;

C. billi Ales Bialiatski, difensur prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, fundatur u president taċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Viasna u rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi u tal-Premju Sakharov, ġie arrestat fit-12 ta' Frar 2022 u nżamm f'detenzjoni ta' qabel il-proċess; billi huwa ntbagħat il-ħabs bejn l-2011 u l-2014 u reġa' ntbagħat il-ħabs fl-2021 wara d-dimostrazzjonijiet enormi favur id-demokrazija li seħħew wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020; billi fit-3 ta' Marzu 2023, Ales Bialiatski, Valiantsin Stefanovich, membru taċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Viasna, id-difensur tad-drittijiet tal-bniedem Zmitser Salauyou, u Uladzimir Labkovich, koordinatur tal-kampanja "Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem għal Elezzjonijiet Ħielsa", rispettivament ġew ikkundannati għal 10, 9, 8 u 7 snin priġunerija fi proċessi politikament motivati; billi, fit-3 ta' Novembru 2021, Leanid Sudalenka, avukat mill-fergħa ta' Homieĺ ta' Viasna, u Tatsiana Lasitsa, voluntiera ta' Viasna, ingħataw rispettivament is-sentenza ta' tliet snin u ta' sentejn u nofs ħabs;

D. billi Andrzej Poczobut, ġurnalist u membru tal-Unjoni tal-Pollakki fil-Belarussja, ġie arrestat fit-18 ta' Marzu 2021 u aktar tard ġie kkundannat tliet snin ħabs fuq akkużi li "insulta pubblikament lill-President tal-Belarussja" u li "inċita l-mibegħda etnika"; billi fit-8 ta' Frar 2023, il-Qorti Reġjonali ta' Hrodna sabitu ħati li inkoraġġixxa azzjonijiet immirati biex jagħmlu ħsara lis-sigurtà nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja u li inċita l-ostilità etnika, u kkundannatu tmien snin ħabs;

E. billi l-ġurnalisti għadhom fost dawk l-aktar fil-mira tar-reġim; billi bħalissa hemm aktar minn 30 ġurnalista miżmuma l-ħabs fil-Belarussja; billi sa Ottubru 2022, mill-inqas 29 entità tal-media indipendenti ġew dażinjati bħala "estremisti" u ġew imblukkati mill-awtoritajiet; billi, skont l-Għaqda ta' Ġurnalisti Belarussi, id-diskors pubbliku huwa kważi kompletament maħnuq u l-media hija repressa severament; billi, b'riżultat tar-repressjoni totali fuq il-media indipendenti, il-libertà tal-kelma ma għadhiex teżisti fil-Belarussja, u r-reġim jeżerċita sorveljanza totali fuq l-internet;

F. billi l-akkużi kontra Andrzej Poczobut u Ales Bialiatski huma meqjusa b'mod wiesa' bħala politikament motivati u mmirati biex isikktu l-vuċijiet indipendenti u jrażżnu l-libertà tal-espressjoni u tal-assoċjazzjoni;

G. billi l-forzi politiċi demokratiċi tal-Belarussja għadhom qed jiġu ppersegwitati; billi nbdew proċedimenti *in absentia* mir-reġim ta' Lukashenko kontra mexxejja tal-forzi demokratiċi fil-Belarussja u ħafna mexxejja u rappreżentanti tal-partiti tal-oppożizzjoni demokratika għadhom qed jinżammu l-ħabs f'kundizzjonijiet inumani; billi fis-6 ta' Marzu 2023 il-Qorti tal-Belt ta' Minsk ikkundannat lill-mexxej tal-oppożizzjoni demokratika Belarussa u lill-Kap tal-Kabinett Tranżizzjonali Magħqud, Sviatlana Tsikhanouskaya, għal 15-il sena ħabs *in absentia*; billi l-qorti kkundannat ukoll lil membri oħrajn tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni, jiġifieri lil Pavel Latushka għal 18-il sena ħabs, u lil Maryia Maroz, Volha Kavalkova u Siarhei Dyleuski għal 12-il sena ħabs kull wieħed; billi s-sentenzi ngħataw jiem wara li qorti Belarussa estendiet b'18-il xahar is-sentenza ta' 18-il sena ħabs tar-raġel ta' Tsikhanouskaya, id-dissident u l-attivist favur id-demokrazija Siarhei Tsikhanouski; billi bosta minn dawk ikkundannati huma rebbieħa tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb;

H. billi fis-17 ta' Ottubru 2022 f'sentenza ħarxa bla preċedent f'każ politikament motivat fil-Belarussja, il-priġunier politiku Mikalai Autukhovich ngħata sentenza ta' 25 sena f'kolonja penali ta' sigurtà għolja, filwaqt li 11-il persuna oħra ġew ikkundannati għal sentenzi ta' ħabs b'termini sa 20 sena;

I. billi l-awtoritajiet fil-Belarussja kisru ripetutament id-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini tal-pajjiż, inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni, tal-assemblea paċifika, u tal-assoċjazzjoni; billi r-ripressjoni għadha taffettwa s-setturi kollha tas-soċjetà; billi l-persekuzzjoni tal-individwi qed tkompli bl-iskuża tal-ġlieda kontra l-estremiżmu u t-terroriżmu; billi l-emendi għall-Kodiċi Kriminali tal-Belarussja daħlu fis-seħħ f'Jannar 2022, u reġgħu introduċew ir-responsabbiltà kriminali għall-parteċipazzjoni fl-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet mhux reġistrati; billi, f'Mejju 2022 l-awtoritajiet wessgħu l-applikazzjoni tal-piena kapitali għat-tentattivi ta' atti ta' terroriżmu, akkuża li qabel kienet tintuża fil-proċessi tal-attivisti politiċi; billi r-reġim Belarussu qed ikompli jirrestrinġi severament il-libertà tal-assoċjazzjoni; billi, f'Diċembru 2022, il-Gvern Belarussu ppreżenta abbozz ta' liġi lill-parlament biex jemenda l-Liġi dwar il-Partiti Politiċi, li fl-aħħar mill-aħħar jista' jwassal għall-projbizzjoni *de facto* ta' kwalunkwe partit politiku li jopponi lir-reġim;

J. billi, f'Ottubru 2022, Lukashenko ffirma l-liġi għall-irtirar tal-Belarussja mill-Ewwel Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, b'mod li jiġi bblokkjat il-mandat tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU li jirċievi u jirrieżamina l-ilmenti relatati mad-drittijiet tal-bniedem minn individwi fil-Belarussja, li kien wieħed mill-aħħar mezzi ta' rimedju għall-Belarussi ppersegwitati;

K. billi l-persekuzzjoni amministrattiva hija waħda mill-istrumenti li r-reġim ta' Lukashenko juża biex isikket lill-oppożizzjoni u kwalunkwe vuċi li tqajjem dubji dwar ir-reġim; billi f'Jannar 2023, iċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Viasna rrapporta mill-inqas 350 arrest u 141 każ ta' persekuzzjoni amministrattiva b'motivazzjoni politika;

L. billi l-persekuzzjoni tat-trade unions indipendenti għadha għaddejja; billi l-awtoritajiet Belarussi emendaw il-leġiżlazzjoni biex iwessgħu l-kamp ta' applikazzjoni tal-organizzazzjonijiet li għandhom jiġu kategorizzati bħala "estremisti"; billi f'Lulju 2022, il-Qorti Suprema tal-Belarussja għalqet erba' trade unions indipendenti ewlenin u l-Kungress Belarussu tat-Trade Unions Demokratiċi; billi f'Jannar 2023, il-mexxejja ta' trade unions indipendenti Henadz Fiadynich u Vasil Berasneu ġew ikkundannati għal disa' snin ħabs, filwaqt li Vatslau Areshka ġie kkundannat għal tmien snin ħabs; billi fi Frar 2023, il-membri tal-grupp Rabochy Rukh (Moviment tal-Ħaddiema) Siarhei Sheest, Uladzimir Zhurauka, Andrei Paheryla, Hanna Ablab, Aliaksandr Hashnikau, Siarhei Dziuba, Ihar Mints, Valiantsin Tseranevich, Siarhei Shametska u Aliaksandr Kapshul ġew akkużati bi tradiment kontra l-pajjiż u li ħolqu u pparteċipaw f'organizzazzjoni estremista, u kollha kemm huma ġew ikkundannati għal sentenzi ta' bejn 11 u 15-il sena ħabs; billi l-Ministeru tal-Intern tal-Belarussja qed ikompli jżid l-attivisti u l-mexxejja tal-moviment tat-trade unions demokratiċi mal-listi ta' estremisti u terroristi;

M. billi r-reġim kompla bl-atti ta' repressjoni tiegħu kontra l-avukati b'ritaljazzjoni għall-fatt li jesprimu fehmiet dwar kwistjonijiet ta' drittijiet, jirrappreżentaw klijenti f'każijiet b'motivazzjoni politika, jew jitkellmu kontra l-gwerra fl-Ukrajna; billi minn Awwissu 2020, mill-inqas 70 avukat tilfu l-liċenzji tagħhom wara deċiżjonijiet arbitrarji mill-Ministeru tal-Ġustizzja jew b'segwitu għal proċeduri ta' tneħħija mill-elenku tal-avukati b'motivazzjoni politika; billi fl-2022, seba' avukati ffaċċjaw akkużi kriminali b'motivazzjoni politika u komplew jiffaċċjaw akkużi amministrattivi, detenzjonijiet, tfittxijiet u fastidju; billi Vital Brahinets ġie kkundannat għal tmien snin ħabs talli ddefenda lil diversi priġunieri politiċi, inkluż Ales Bialiatski;

N. billi r-reġim ta' Lukashenko ħa miżuri dejjem aktar repressivi kontra l-minoranzi nazzjonali fil-Belarussja, b'mod partikolari l-minoranzi Pollakki u Litwani, inkluż l-għeluq ta' skejjel li jgħallmu bil-lingwi ta' minoranzi nazzjonali, kif ukoll miżuri kontra l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lil dawn il-minoranzi, bħall-Unjoni tal-Pollakki fil-Belarussja; billi d-diskriminazzjoni sistematika kontra l-Pollakki u minoranzi nazzjonali oħra ilha għaddejja għal ħafna snin, u l-aktar każijiet prominenti ta' repressjoni jkunu dawk kontra Andżelika Borys u Andrzej Poczobut;

O. billi r-reġim ta' Lukashenko qed ikompli l-politika tiegħu ta' Russifikazzjoni tal-Belarussja, bl-għan strateġiku li jimmarġinalizza u jeqred l-espressjonijiet tal-identità nazzjonali Belarussa, inkluż il-lingwa u l-kultura tagħha; billi din il-politika tinvolvi wkoll il-projbizzjoni ta' simboli nazzjonali u storiċi tal-Belarussja bħall-bandiera bajda, ħamra u bajda u l-Pahonia, u l-għeluq ta' djar tal-pubblikazzjoni, skejjel privati u korsijiet tal-lingwa Belarussa;

P. billi r-reġim illeġittimu ta' Lukashenko qed ikompli jrażżan il-libertà tar-reliġjon u t-twemmin; billi skont il-Kunsill ta' Koordinazzjoni, diversi saċerdoti Kattoliċi Rumani, Kattoliċi Griegi u Ortodossi kif ukoll pastors Protestanti ffaċċjaw diversi forom ta' pressjoni, minn multi għal termini twal ta' priġunerija, inkluż Siarhei Rezanovich, li ġie kkundannat għal 16-il sena ħabs;

Q. billi l-priġunieri politiċi huma soġġetti għal repressjoni u kundizzjonijiet inumani addizzjonali; billi dan jieħu l-forma li l-priġunieri politiċi jinżammu f'kundizzjonijiet li huma pprojbiti skont l-obbligi internazzjonali tal-Belarussja, li jkunu soġġetti għal penali dixxiplinari għal raġunijiet fittizji u li jitqiegħdu f'ċelluli ta' kastig; billi l-priġunieri politiċi għadhom qed jirrapportaw deterjorament fir-rigward ta' saħħithom, umiljazzjoni u trattament ħażin; billi f'xi każijiet il-livell ta' sigurtà tad-detenzjoni tagħhom qed jiżdied u t-terminu ta' priġunerija qed jiġi estiż b'mod arbitrarju, id-dritt għall-korrispondenza qed jinkiser u l-priġunieri politiċi qed jiġu mċaħħda miż-żjarat tal-familja, kif muri mill-każ ta' Palina Sharenda-Panasiuk;

R. billi eluf ta' Belarussi ġew imġiegħla jew saritilhom pressjoni biex jitilqu minn pajjiżhom u jsibu rifuġju barra l-pajjiż; billi l-awtoritajiet Belarussi qed ikomplu jadottaw miżuri li jirrestringu d-drittijiet tal-Belarussi li jgħixu barra mill-pajjiż; billi l-programm "It-Triq lejn id-Dar", mibdi mir-reġim ta' Lukashenko, jikkonsisti fi "stedina" lill-Belarussi li kienu telqu mill-pajjiż f'dawn l-aħħar snin biex jirritornaw lejn il-Belarussja, bil-wegħda li ma jiġux ippersegwitati dment li jagħmlu ammissjoni ta' ħtija uffiċjali; billi ħafna Belarussi li ġew lura f'pajjiżhom ġew arrestati, ippersegwitati u xi drabi

kkundannati għal priġunerija minħabba li ħadu sehem fi protesti, ippubblikaw kummenti fuq il-media soċjali li jikkritikaw ir-reġim ta' Lukashenko jew taw donazzjonijiet lill-vittmi tar-repressjoni fil-Belarussja; billi f'Jannar 2023, ir-reġim Belarussu għadda liġi li se tneħħi ċ-ċittadinanza tal-persuni eżiljati, li qed jakkużahom bl-hekk imsejħa reati relatati mal-estremiżmu. Il-lista ta' dawn il-persuni issa tinkludi aktar minn 2 000 individwu;

S. billi, aktar minn sentejn wara, ma hemm l-ebda indikazzjoni li l-awtoritajiet Belarussi qed jinvestigaw l-eluf ta' rapporti ta' brutalità mill-pulizija li ilhom jitressqu mill-protesti f'Awwissu 2020 jew il-qtil ta' dimostanti; billi l-impunità mifruxa għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tipperpetwa s-sitwazzjoni ddisprata tal-poplu Belarussu; billi l-assenza tal-istat tad-dritt timpedixxi d-dritt tal-vittmi li jkollhom proċess ġust; billi l-Belarussja hija l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għadu japplika l-piena tal-mewt;

T. billi l-awtoritajiet Belarussi spiss jirrikorru għas-sorveljanza, iċ-ċensura online u d-diżinformazzjoni, u jużaw teknoloġiji biex jikkontrollaw il-popolazzjoni; billi tali prattiki repressivi jirrappreżentaw pass ieħor lejn l-awtoritarjaniżmu diġitali u t-trażżin tad-drittijiet diġitali tal-poplu fil-Belarussja, li jwassal għal intimidazzjoni akbar taċ-ċittadini u t-tiċkin tal-ispazju ċiviku; billi r-reġim ta' Lukashenko juża wkoll ir-repressjoni transnazzjonali kontra ċittadini Belarussi li jgħixu barra mill-pajjiż;

U. billi l-UE imponiet sanzjonijiet fuq individwi u entitajiet responsabbli għar-repressjoni fil-Belarussja, u pprovdiet appoġġ lis-soċjetà ċivili u lill-media indipendenti fil-pajjiż;

V. billi l-awtoritajiet tal-Belarussja qegħdin ikomplu jappoġġjaw il-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata Russa kontra l-Ukrajna billi jippermettu lir-Russja tuża t-territorju Belarussu għal attakki militari kontra l-Ukrajna; billi għexieren ta' ċittadini Belarussi ġew soġġetti għal prosekuzzjoni talli esprimew appoġġ favur l-Ukrajna, filwaqt li kkritikaw il-gvern talli appoġġja l-gwerra ta' aggressjoni Russa jew irrappurtaw dwar il-movimenti tat-truppi Russi u t-tagħmir militari tagħhom fil-Belarussja;

W. billi fis-7 ta' Settembru 2022, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa stieden lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa biex iwaqqaf Grupp ta' Kuntatt dwar il-Belarussja f'kooperazzjoni mar-rappreżentanti tal-forzi demokratiċi tal-Belarussja u s-soċjetà ċivili; billi fl-1 ta' Marzu 2023, infetħet il-Missjoni tal-Belarussja Demokratika uffiċjali fi Brussell, f'ċerimonja li għaliha attendiet Sviatlana Tsikhanouskaya;

X. billi fi Frar 2023, uffiċjali Belarussi ħabbru pjanijiet biex jikkonnettjaw man-network u aktar tard biex jikkummissjonaw it-tieni unità tal-enerġija tal-Impjant tal-Enerġija Nukleari (NPP) tal-Belarussja f'Astravyets u biex ikomplu jespandu l-kapaċitajiet nukleari Belarussi; billi l-kostruzzjoni tal-NPP Belarussu seħħet bi ksur tal-istandards tekniċi u l-konvenzjonijiet internazzjonali rikonoxxuti internazzjonalment; billi l-aħħar rapporti ta' intelligence jikkonfermaw li l-awtoritajiet Belarussi u r-Rosatom Russa, li kienet responsabbli għall-bini tal-NPP Belarussu, oskuraw b'mod konsistenti s-sitwazzjoni reali fl-NPP Belarussu u naqsu milli jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-għadd kbir ta' inċidenti li seħħew hemmhekk;

1. Itenni s-solidarjetà tiegħu mal-poplu tal-Belarussja li qed ikomplu jimpenjaw ruħhom għal Belarussja sovrana, ħielsa u demokratika, filwaqt li jissugraw ħajjithom u l-libertà tagħhom; ikompli jitlob li tintemm immedjatament ir-repressjoni mill-awtoritajiet tal-istat kontra l-poplu tal-Belarussja, il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-priġunieri politiċi kollha u tal-persuni kollha detenuti, arrestati jew ikkundannati b'mod arbitrarju għal raġunijiet politiċi, u li jitwaqqgħu l-akkużi kollha miġjuba kontrihom, kif ukoll ir-riabilitazzjoni sħiħa tagħhom u kumpens finanzjarju għad-danni li ġarrbu minħabba d-detenzjoni illeġittima tagħhom;

2. Ikompli jikkundanna bl-aktar mod qawwi r-repressjoni li għaddejja fil-Belarussja, inkluż dik permezz ta' proċessi finta b'motivazzjoni politika; jikkundanna r-repressjoni sistematika tar-reġim ta' Lukashenko kontra l-popolazzjoni ċivili, li mill-elezzjoni presidenzjali misruqa tad-9 ta' Awwissu 2020 ġieħlet lil eluf ta' Belarussi jaħarbu mill-pajjiż. itenni li l-kampanja ta' repressjoni sistematika li għaddejja bħalissa tikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;

3. Ifakkar lill-awtoritajiet Belarussi fl-obbligi tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini kollha tal-Belarussja, inklużi d-drittijiet għal-libertà tal-espressjoni, l-għaqda paċifika u l-assoċjazzjoni; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u ġudikatura indipendenti li tiffunzjona fil-Belarussja; itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Belarussi biex b'mod immedjat jibdlu s-sentenzi kollha tal-mewt u jistabbilixxu moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt, bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni sħiħa u permanenti tagħha; jikkundanna l-liġi l-ġdida li tippermetti l-użu tal-piena tal-mewt kontra uffiċjali u persunal tal-armata li nstabu ħatja ta' tradiment kontra l-pajjiż; jitlob li tintemm id-diskriminazzjoni fil-konfront tan-nisa u gruppi vulnerabbli, inklużi l-persuni li jappartjenu għal minoranzi, persuni b'diżabilità u persuni LGBTQI;

4. Itenni li t-talbiet leġittimi tal-poplu tal-Belarussja għal demokrazija bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-prosperità, is-sovranità u s-sigurtà jridu jiġu ssodisfati; itenni t-talbiet preċedenti tiegħu għal elezzjonijiet ħielsa u ġusti ġodda li għandhom jiġu organizzati taħt osservazzjoni internazzjonali mill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-OSKE; ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha ma rrikonoxxewx ir-riżultati tal-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u ma jirrikonoxxux lil Aliaksandr Lukashenko bħala l-president leġittimu tal-Belarussja;

5. Jiddenunzja d-detenzjoni u l-kundanna ta' Andrzej Poczobut u l-kundanna ta' Ales Bialiatski, Valiantsin Stefanovich, Zmitser Salauyou u Uladzimir Labkovich, peress li jenfasizzaw l-isforzi tar-reġim biex irażżan l-impenn ċiviku kollu għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-ħidma ġurnalistika indipendenti kollha fil-pajjiż; jikkundanna l-ksur numeruż tad-dritt tagħhom għal proċess ġust u jappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tagħhom, kif ukoll ir-riabilitazzjoni u l-kumpens sħiħ tagħhom;

6. Jikkundanna s-sentenza *in absentia* ta' Sviatlana Tsikhanouskaya, mexxej tal-oppożizzjoni demokratika Belarussa u Kap tal-Kabinett Tranżitorju Magħqud, u figuri oħra tal-Kunsill ta' Koordinazzjoni, jiġifieri Pavel Latushka, Maryia Maroz, Volha Kavalkova u Siarhei Dyleuski; jiċħad il-verdett tal-qorti, li skontu l-eżerċitar tad-dritt demokratiku għall-kandidatura jikkostitwixxi "reat ta' assoċjazzjoni biex jinħataf il-poter"; jitlob li r-reġim ta' Lukashenko jirrevoka s-sentenzi u jwaqqa' l-akkużi kollha miġjuba kontra l-erba' attivisti; jinsisti li l-ebda attivist ikkundannat minħabba l-appoġġ tagħha jew tiegħu għall-oppożizzjoni prodemokratika jew il-parteċipazzjoni attiva fl-istess oppożizzjoni prodemokratika m'għandu jiġi pprojbit mill-kandidatura għal kariga eletta fil-Belarussja; jistieden lill-Istati Membri, b'mod partikolari dawk li jospitaw dawn il-membri prominenti tal-forzi demokratiċi tal-Belarussja, jiżguraw is-sikurezza u l-protezzjoni tagħhom kontra r-reġim ta' Lukashenko;

7. Jikkundanna l-fastidju u l-persekuzzjoni intensi tat-trade unions; jiddenunzja s-sentenzi b'motivazzjoni politika kontra mexxejja indipendenti tat-trade unions bħal Henadz Fiadynich, Vasil Berasneu u Vatslau Areshka, u l-membri tal-grupp ta' Rabochy Rukh (il-Moviment tal-Ħaddiema), li juru nuqqas totali ta' rispett għad-drittijiet tal-bniedem tagħhom u ksur ċar tal-konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol;

8. Jikkundanna l-persekuzzjoni tal-gruppi minoritarji Pollakki, Litwani u nazzjonali oħra fil-Belarussja u r-rappreżentanti tagħhom, inklużi d-deċiżjonijiet li għandhom l-għan li jagħlqu l-iskejjel Pollakki u Litwani u jeliminaw l-edukazzjoni f'dawn il-lingwi, kif ukoll il-qerda taċ-ċimiterji u l-wirt Pollakki; jistieden lill-awtoritajiet Belarussi jwaqqfu l-miżuri kollha meħuda kontra l-minoranzi nazzjonali u jirrispettaw id-drittijiet tagħhom, inkluż id-dritt tagħhom għall-edukazzjoni bil-lingwi minoritarji;

9. Jikkundanna l-fatt li l-proċessi b'motivazzjoni politika jinżammu wara bibien magħluqa u mingħajr proċess dovut tal-liġi, u b'hekk jiksru l-obbligi u l-impenji internazzjonali tal-pajjiż, li jirriżultaw f'sentenzi ħorox u mhux ġustifikati mogħtija lill-mexxejja tal-oppożizzjoni; jistieden lid-Delegazzjoni tal-UE għar-relazzjonijiet mal-Belarussja u l-ambaxxati tal-Istati Membri fil-Belarussja biex tkompli tosserva u timmonitorja l-proċessi tal-priġunieri politiċi kollha; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jidentifikaw toroq ġodda biex jaħdmu favur il-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha; jistieden lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u organizzazzjonijiet oħra biex iżuru priġunieri politiċi, speċjalment dawk fejn hemm kwistjonijiet serji ta' saħħa;

10. Jikkundanna l-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza, iffirmata minn Aliaksandr Lukashenko, li tiftaħ il-possibbiltà li l-Belarussi li jgħixu barra mill-pajjiż jiġu mċaħħda miċ-ċittadinanza tagħhom; jissottolinja li l-awtoritajiet Belarussi qed jiksru l-Artikolu 15 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, li l-Belarussja hija parti minnha, li jissalvagwardja d-dritt li wieħed ikollu nazzjonalità u jipprojbixxi l-privazzjoni arbitrarja tagħha; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Belarussi jwaqqfu l-programm "The Way Home";

11. Jissottolinja l-ħtieġa ta' investigazzjoni komprensiva tar-reati mwettqa mir-reġim ta' Lukashenko kontra l-poplu tal-Belarussja; jistieden lill-Istati Membri japplikaw b'mod attiv il-prinċipju ta' ġurisdizzjoni universali u jħejju kawżi fil-qorti kontra uffiċjali tal-Belarussja, inkluż Aliaksandr Lukashenko, li huma responsabbli għal vjolenza u repressjoni sistematika u reati kontra l-umanità jew kompliċi tagħhom;

12. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-involviment tal-Belarussja fil-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna; jikkundanna r-retorika belliġeranti tar-reġim ta' Lukashenko kontra l-Ukrajna u t-tixrid massiv ta' propaganda u diżinformazzjoni dwar il-gwerra ta' aggressjoni; itenni li Lukashenko u uffiċjali Belarussi oħra jikkondividu r-responsabbiltà għal din il-gwerra ta' aggressjoni u għal delitti tal-gwerra mwettqa fl-Ukrajna u għandhom jinżammu responsabbli fi tribunal speċjali għad-delitt ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna u qrati internazzjonali xierqa oħra, u jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw l-isforzi f'dan ir-rigward; jesprimi l-appoġġ tiegħu lill-voluntiera u l-partiġjani Belarussi li qed jiġġieldu għall-indipendenza tal-Belarussja u li qed jgħinu lill-Ukrajna tiddefendi lilha nfisha kontra l-gwerra ta' aggressjoni Russa; jirrikonoxxi li r-reġim ta' Lukashenko huwa kompliċi fl-isponsorizzazzjoni statali tat-terroriżmu u kompliċi ta' stat li juża l-mezzi tat-terroriżmu;

13. Jinnota bi tħassib l-ħekk imsejħa integrazzjoni kontinwa tar-Russja u tal-Belarussja f'diversi oqsma, li tammonta għal okkupazzjoni *de facto*, u b'mod partikolari l-militarizzazzjoni progressiva tal-Belarussja u tar-reġjun, inkluż permezz tal-preżenza ta' truppi Russi fil-Belarussja, li tirrappreżenta sfida għas-sigurtà u l-istabbiltà tal-kontinent Ewropew, u li tmur kontra r-rieda tal-poplu Belarussu; jiddeplora d-deċiżjoni tal-Belarussja li tirrinunzja għall-istatus mhux nukleari tagħha;

14. Jappella lill-UE u l-Istati Membri tagħha jwessgħu u jsaħħu s-sanzjonijiet tal-UE kontra individwi u entitajiet responsabbli għar-repressjoni tal-Belarussja u jinkludu lill-individwi kollha kompliċi fir-repressjoni tar-reġim kontra l-oppożizzjoni demokratika u d-dimostranti politiċi, inklużi mħallfin, prosekuturi u uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, tal-ħabsijiet u tal-kolonji penali, u jiżguraw l-infurzar xieraq tas-sanzjonijiet; jesprimi d-dispjaċir tiegħu li l-Belarussja ma kinitx inkluża fl-10 pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja u dawk li jappoġġjawha; jappella għall-adozzjoni ta' sanzjonijiet kredibbli kontra l-individwi u l-entitajiet Belarussi li jappoġġjaw il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u għall-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa biex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE fuq ir-Russja permezz tal-Belarussja u biex jiġu riflessi l-miżuri restrittivi imposti fuq ir-Russja fuq ir-reġim ta' Lukashenko fil-Belarussja; jappella biex il-putassa, is-sors ewlieni ta' introjtu tar-reġim, tiġi inkluża fuq il-lista ta' sanzjonijiet;

15. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jkomplu jqajmu s-suġġett tas-sitwazzjoni fil-Belarussja fl-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali rilevanti kollha, b'mod partikolari n-NU u l-korpi speċjalizzati tagħha, l-OSKE u kif ukoll fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, bil-għan li jtejbu l-iskrutinju internazzjonali tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, isaħħu l-azzjoni internazzjonali b'reazzjoni għas-sitwazzjoni fil-Belarussja u jegħlbu l-imblukkar tar-Russja u ta' pajjiżi oħra għal tali azzjoni;

16. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkooperaw ma' sħab internazzjonali, bħall-Mekkaniżmu ta' Moska tal-OSKE u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, kif ukoll lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjetà ċivili fuq il-post, biex jiżguraw il-monitoraġġ, id-dokumentazzjoni u r-rappurtar tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u sussegwentement jiġi stabbilit l-obbligu ta' rendikont u tingħata ġustizzja lill-vittmi; ifaħħar, f'dan ir-rigward, il-ħidma tal-Pjattaforma Internazzjonali għall-Obbligu ta' Rendikont għall-Belarussja u jappella lill-UE u lill-Istati Membri jkomplu bl-appoġġ tagħhom; iħeġġeġ lill-Qorti Kriminali Internazzjonali tinvestiga u tniedi proċedimenti ta' qabel il-proċess kontra r-reġim Belarussu f'każijiet ta' reati kontra l-umanità;

17. Jistieden lill-komunità internazzjonali kollha tirrifjuta l-kandidatura Belarussa għal-siġġu mhux permanenti mill-Grupp tal-Ewropa tal-Lvant fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU għall-2024–2025;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaħdmu biex isaħħu l-mandat u l-uffiċċju tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarus u l-investigazzjoni tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) tal-Belarussja sabiex jirċievu u jipproċessaw b'mod effettiv ilmenti individwali miċ-ċittadini tal-Belarus jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-appell tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili internazzjonali u Belarussi fit-13 ta' Frar 2023 biex il-membri u l-Istati osservaturi tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU jistabbilixxu mekkaniżmu investigattiv indipendenti biex jikkomplementa u jwettaq segwitu tal-ħidma tal-eżami eżistenti tal-OHCHR, u jappella biex din il-ħidma tal-mekkaniżmu jkollha biżżejjed riżorsi u finanzjament;

19. Jenfasizza r-rwol kritiku li għandhom il-media indipendenti, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-affermazzjoni tal-aspirazzjonijiet demokratiċi tal-poplu Belarussu, kemm fil-Belarussja kif ukoll fl-eżilju; jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE biex isaħħu l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità lis-soċjetà ċivili tal-Belarus, lill-media ħielsa, lit-trade unions indipendenti u lill-attivisti favur id-demokrazija kemm fil-Belarus kif ukoll fl-eżilju; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jipprovdu appoġġ lis-soċjetà ċivili tal-Belarussja, lill-media indipendenti u lill-gruppi u strutturi politiċi demokratiċi, inklużi l-Kunsill ta' Koordinazzjoni u l-Kabinett Tranżitorju Magħqud; jistieden lill-forzi demokratiċi Belarussi jżommu u jippromwovu l-għaqda bbażata fuq l-objettiv ta' Belarussja ħielsa, demokratika u indipendenti;

20. Jappella lill-Istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ u protezzjoni lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lis-soċjetà ċivili fil-Belarussja, li qed jiffaċċjaw repressjoni severa, inkluż billi joħorġu viżi ta' emerġenza għal tluq mill-Belarussja jekk ikun meħtieġ; jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jkomplu jappoġġjaw l-isforzi tal-Istati Membri biex jipproteġu u jilqgħu lill-Belarussi mġiegħla jaħarbu minn pajjiżhom; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ lil dawk il-Belarussi residenti fl-UE li d-dokumenti tal-identità tagħhom qed jiskadu u li ma għandhom l-ebda mezz biex iġedduhom peress li ma jistgħux jirritornaw lejn il-Belarussja;

21. Jikkundanna l-isforzi tar-reġim ta' Lukashenko biex jeqred il-kultura Belarussa u jsegwi politika tar-Russifikazzjoni tal-poplu Belarussu; jappella lill-UE tappoġġja l-kultura Belarussa u l-organizzazzjonijiet kulturali Belarussi; jikkundanna r-rifjut li l-proċess ta' Ales Bialiatski jsir bil-lingwa Belarussa minflok bil-lingwa Russa u ċ-ċaħda tar-rikjesta ta' Ales Bialiatski għal interpretu, li jixhed il-politika anti-Belarussa tar-reġim ta' Lukashenko; jappoġġja ċ-ċelebrazzjoni tal-poplu Belarussu tal-25 ta' Marzu, il-jum meta l-indipendenza tal-Belarussja ġiet ipproklamata fl-1918;

22. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu passi biex jiżguraw li n-negozji li joperaw fil-Belarussja, kemm barranin kif ukoll lokali, jeżerċitaw diliġenza partikolari u jżommu r-responsabbiltà tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem kemm fl-operazzjonijiet kollha tagħhom kif ukoll fil-ktajjen tal-provvista tagħhom, f'konformità mal-Prinċipji Gwida tan-NU; jistieden lill-kumpaniji kollha bbażati fl-UE jtemmu r-relazzjonijiet tagħhom ma' kwalunkwe fornitur Belarussu li jappoġġja b'mod miftuħ ir-reġim vjolenti ta' Lukashenko, jew inkella jikser l-Prinċipji Gwida tan-NU; jistieden lill-Kunsill jimponi sanzjonijiet fuq kwalunkwe kumpanija Belarussa jew internazzjonali mhux konformi; iħeġġeġ lir-reġim ta' Lukashenko jtemm il-prattika tiegħu li jimponi xogħol furzat f'kolonji penali;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi task force li tiftaħ djalogu ta' politika mar-rappreżentanti tal-Belarussja demokratika sabiex taħdem fuq ftehim transsettorjali komprensiv li jkun il-pedament tal-kooperazzjoni mal-Belarussja demokratika ladarba r-reġim attwali ma jibqax fil-poter; itenni li dan għandu jkun akkumpanjat flimkien ma' pjan ta' riżorsi finanzjarji u amministrattivi, li għandu jiġi implimentat sabiex jitwettqu u jiġu ffinanzjati r-riformi meħtieġa fil-pajjiż ladarba dan ikun possibbli; jilqa' l-istabbiliment tal-Missjoni għall-Belarussja Demokratika fi Brussell u jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE jappoġġjaw il-Missjoni u l-Ambaxxati tal-Poplu tal-Belarussja;

24. Itenni l-importanza li tiġi formalizzata r-relazzjoni bejn il-forzi demokratiċi Belarussi u l-Parlament sabiex tissaħħaħ ir-rappreżentanza tal-Belarussja fix-xena internazzjonali; jappella, għalhekk, għal rappreżentanza demokratika tal-Belarussja mġedda u rikonoxxuta uffiċjalment fl-Assemblea Parlamentari Euronest u fid-Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Belarussja;

25. Jissottolinja l-importanza li tissaħħaħ l-unità tal-UE fir-rigward tal-Belarussja, inkluż fir-rigward tal-iżolament diplomatiku tar-reġim attwali; jikkundanna kwalunkwe azzjoni, inklużi żjarat ta' livell għoli lill-awtoritajiet *de facto* f'Minsk, li jistgħu jitfgħu dubju fuq in-nuqqas ta' rikonoxximent inekwivoku tal-Unjoni tar-reġim ta' Lukashenko; f'dan il-kuntest, jiddeplora ż-żjara tat-13 ta' Frar 2023 f'Minsk mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin Ungeriż Péter Szijjártó, li tikkontradixxi l-politika tal-UE dwar il-Belarussja u dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u ma japprovax il-ħruġ kontinwu minn xi Stati Membri ta' viżi ta' Schengen lil individwi qrib Aliaksandr Lukashenko;

26. Itenni l-kundanna tiegħu tad-deċiżjoni reċenti tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali (KOI) li jippermetti lill-atleti Belarussi jikkompetu fil-kwalifiki għall-Olimpjadi ta' Pariġi tal-2024 taħt bandiera newtrali, li jmur kontra l-iżolament multidimensjonali tal-Belarussja u li se jintuża mir-reġim għal finijiet ta' propaganda; jistieden lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali jeżerċitaw pressjoni fuq il-KOI biex ireġġa' lura din id-deċiżjoni u biex jadottaw pożizzjoni simili fuq kwalunkwe avveniment sportiv, kulturali jew xjentifiku ieħor;

27. Jesprimi tħassib serju dwar is-sitwazzjoni tas-sikurezza nukleari fl-NPP Belarussu u l-pjanijiet tal-Belarussja li tkompli tespandi l-kapaċitajiet nukleari tagħha;

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, lill-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar, lir-rappreżentanti tal-forzi demokratiċi tal-Belarussja u lill-awtoritajiet *de facto* tar-Repubblika tal-Belarussja.